**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Lulju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Nguermo Bebeto Cyrill**
**Omissis**
**Birhane Mehari**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Omissis** ta' 23 sena iben Adam u Hawaa, imwieled North Dafur, Sudan nhar l-01 ta' Jannar 1997, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20O-019

**Omissis** ta' 22 sena iben Abiseha Girmay u Tarik Gebru, imwieled Semerna, Eritrea nhar l-01 ta' April 1998, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal- pulizija 20N-070

**Omissis** ta' 20 sena iben Abdulrahman u Uhaura mwieled Mogadishu, Somalia, nhar l-01 ta' Jannar 2000, residenti gewwa c-centru ta' detentzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20C-074

**Omissis** ta' 20 sena iben Dung u Ayem mwieled Kharthoum, Sudan nhar il-31 ta' Jannar 2000, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20F-034

**Nguermo Bebeto Cyrill** ta' 17 il-sena iben Kazet Victor u Fedjio Nguesta Marie, imwieled Douala, Cameroon nhar il-11 ta' Mejju 2003, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20Z-172

**Omissis** ta' 37 sena iben Abraham Gelam u Merho Shazshi imwieled Endaba, Eritrea nhar is-06 ta' Gunju 1983, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20N-051

**Birhane Mehari** ta' 15 il-sena iben Birhane u Zayo imwieled nhar il-01 ta' Jannar 2005 gewwa Ebaleka, Eritrea, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20N-060

U nakkuzahom talli nhar it-18 Settembru 2020 bejn is-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu (01:45hrs) u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro (€5,500) ghad-dannu tal-gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliejhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħhlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgha' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet u paci tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta' Kap' 9 tal-Ligijiet ta Malta.

5. Irrendew ruhhom komplici billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi w dan bi ksur tal-Artikolu 42 *(d)* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. Ikkommettew harba semplici mic-centru sa detenzjoni ta'Safi Barracks waqt li kienu taht il-kustodja ta' persuni inkarigati miz-zamma taghhom u dan bi ksur tal-Artikoli 151, 160 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar nakkuza lill-

**Omissis** u **Omissis**

talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

7. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l-hajja tal-ufficjali tal-pulizija f'periklu car, ikkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persun tal-Ufficjali tal-pulizija PS1010 Andrea Zahra, u PC1514 Daniel Debattista, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

8. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal- Ufficjali tal-pulizija PS1010 Andrea Zahra, u PC1514 Daniel Debattista, bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l-hajja tal-ufficjali tal-pulizija f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ufficjali tal-pulizija PC1508 Brian Farrugia, u PC877 Glen Peter Vella, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

10. U talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ufficjal tal-pulizija PC1508 Brian Farrugia, u Ufficjal tal-pulizija PC877 Glen Peter Vella, bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat li fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021, il-hames imputat **Nguermo Bebeto Cyrill** irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat li l-piena massima ghal dawn l-imputazzjonijiet hija ta' seba snin u sitt xhur prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu

**4.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb fuq l-ammissjoni tieghu, l-imputat wiegeb li hu hati.

**5.** Rat li sussegwentement fl-istess seduta is-seba imputat **Birhane Mehari** irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghal imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu hija ta' seba snin u sitt xhur prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jridux jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

**6.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb fuq l-ammissjoni tieghu, l-imputat wiegeb li hu hati.

**7.** Fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta’ dawn iz-zewg imputati.

**8.** Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena li ghandha tigi inflitta fuq iz-zewg imputati.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

**9.** Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni taghhom stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, hlief tal-imputazzjoni numru wiehed (1) (hsara volontarja), kif formulata fic-citazzjoni.

**10.** Ghalkemm dawn iz-zewg imputati ammettew li huma hatja tal-ewwel imputazzjoni u cioe li ikkagunaw hsara volontarja li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta’ bini, liema hsara tammonta ghal aktar minn €2,500 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, fir-rapport tieghu, il-Perit Robert Musumeci, li gie mahtur bhala espert fl-inkjesta, jghid hekk:

*“8. Fuq nota ohra, jigi rilevat li, mill-ewwel daqqa t’ghajn, ma sehhewx hsarat, almenu ta’ natura magguri, fuq gewwa tad-dormitorju. Dan anke jekk gew notati xi zraben mahruqin fil-kuritur miftuh vicin it-toqba. Mill-banda l-ohra, sabiex il-hajt (fejn kienet iffurmata t-toqba) jigi rijintegrat ghall-istat li kien, hemm spiza ta’ hames mitt ewro qabel il-vat (€500)”*[1]

**11.** Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ohra tad-danni strutturali subiti, oltre dak li jghid il-Perit Musumeci. Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax issib lill-

[1] Ara fol. 329 tal-process.

imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni kif formulata, u cioe li l-ammont ta' danni jiskorri is-somma ta' €2,500, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, izda issibhom hatja taht l-Artikolu 325(1)(b), stante li mill-provi migjuba jirrizulta li l-ammont tal-ħsara ma tiskorrix €2,500, iżda hija izjed minn €250.00.

**12.** Rigward il-piena, din il-Qorti ma tistax tqis din l-ammissjoni bhala wahda bikrija, stante li saret wara diversi xhur u seduti, u wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi, u l-kawza qieghda fl-istadju li tistenna li l-Avukat Generali johrog l-att ta' akkuza, jew li jibghat lura l-atti lil din il-Qorti bin-nota tar-rinviju tal-gudizzju.

**13.** Il-fedina penali tal-imputati ma gietx ezebita mill-Prosekuzzjoni, pero din il-Qorti ma tistax tassumi li allura fin-nuqqas ghandhom fedina penali netta, ghaliex l-imputati ilhom hawn Malta biss ftit xhur, u huwa prattikament impossibli ghal Prosekuzzjoni li tottjeni l-fedina penali mill-pajjizi fejn kienu jghixu qabel.

**14.** Bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni, l-imputazzjonijiet numru tlieta (3) u erbgha (4), li huma ta' natura kontravenzjonali, huma assorbiti fil-pieni tal-imputazzjonijiet l-ohra.

**15.** Fir-rigward tal-imputat Nguermo Bebeto Cyrill, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li dan l-imputat kellu sebatax (17)-il sena meta kkommetta dawn ir-reati, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti se tnaqqas il-piena tieghu bi grad.

**16.** Fir-rigward tal-imputat Birhane Mehari, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li ghalkemm dan l-imputat kellu hmistax (15)-il sena meta ikkommetta r-reati, mill-provi jirrizulta li r-reati gew kommessi b'hazen. Ghaldaqstant, huwa applikabbli wkoll l-Artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali. Pero tenut kont tal-eta zghira tieghu, u l-fatt li adoloxxent ta' dik l-eta facli hafna jigi influwenzat mill-adulti ta' madwaru, il-Qorti se tnaqqas il-piena tieghu b'zewg gradi.

**17.** Rigward l-ispejjez li ghandhom jigu imhallsa mill-imputati, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-Prosekuzzjoni ressqet b'kollox seba' u ghoxrin (27) persuna l-Qorti mixlija b'reati identici in konnessjoni ma' l-incident in kwistjoni, pero ghal fini tal-proceduri kriminali, il-Prosekuzzjoni qasmithom fi gruppi izghar.

**Konkluzjoni**

**18.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 68(2) u 68(3), 338(ee), 338(dd), 42(d), 318, 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil dawn iz-zewg imputati hatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni dedotti kontra taghhom, u fil-waqt li ma ssibhomx hatja tal-ewwel imputazzjoni in kwantu ibbazata fuq l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, issibhom hatja tar-reat kompriz u involut kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kapitolu.

2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-hati Nguermo Bebeto Cyrill ghal piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati.

3. Fil-kaz tal-hati Birhane Mehari, il-Qorti tikkundannah ghal piena ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati.

4. In oltre, il-Qorti tordna lil kull hati ihallas individwalment u separatament parti minn seba' u ghoxrin parti ($1/27^{th}$ ) tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, eskluzi l-ispejjez tal-esperti medici u tal-ballistika, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu immedjatament meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**